MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 447/2015

**Catherine Grech**

**Vs**

**Patrick Bugeja**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-13 ta' Mejju 2015 l-attrici talbet li l-qorti:

1. Taghti terminu lill-konvenut sabiex skond il-ligi jipproponi kawza b'riferenza ghal pretensjonijiet li ghandu fil-konfront taghha.
2. Fin-nuqqas tikkundannah ghas-skiet perpetwu.

Il-konvenut wiegeb li (fol. 12):-

1. L-azzjoni hi ntempestiva ghaliex il-kawza giet proposta f'inqas minn gimghatejn li giet notifikata bl-ittra ufficjali tat-23 ta' April 2015.
2. Il-konvenut ghandu kull interess li jipproponi l-kawza sabiex b'hekk jissalvagwardja l-interessi tieghu.
3. Kwalsiasi spejjez ta' din il-procedura ghandha taghmel tajjeb ghalihom l-attrici.

Din hi kawza ta' jattanza. Kif qalet din il-qorti[1] fil-kawza **Charles Darmanin & Co Ltd vs Maltacom plc** (28 ta' Jannar 2004):-

*"Issa fis-sentenza fl-ismijiet "**John Muscat –vs- Joseph Cost Chretien**", Prim' Awla, Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1948 (**Vol. XXXIII P II p 287**) jinsab stabbilit illi l-estremi necessarji ghal gudizzju bhal dak prezenti huma:*

*(1) li l-millantazzjoni tkun tikkontjeni pretensjoni li l-ezercizzju taghha jkun ghad irid jigi;*

*(2) li ma tkunx determinata minn necessita` jew minn kawtela guridika;*

*(3) li l-pretensjoni jkollha l-karattru li tista' tigi ezercitata b'azzjoni gudizzjarja;*

*u (4) li l-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat, u li kwindi ma tkunx millantazzjoni generika tad-drittijiet".*

Jirrizulta li fit-23 ta' April 2015 il-konvenut ipprezenta ittra ufficjali kontra l-attrici, li hi ohtu, fejn sejhilha sabiex tersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' kumpens ghas-servigi li ppresta lill-genituri tieghu. Fl-ittra ufficjali qal:

*"Permezz tal-prezenti Patrick Bugeja….. qieghed jinterpellak sabiex inti taddivjeni ghal likwidazzjoni u hlas ta' servigi u kumpens dovut lill-mittenti, in vista li kien unikament il-mittenti u terzi pesuni li offrew din l-ghajnuna u assistenza indispensabbli precedentement*

[1] Imhallef P. Sciberras.

*assenti mill-hajja tal-genituri tieghek, u ghalhekk kien esklussivament il-mittenti li kien responsabbli ghal kura necessarja dovuta lill-genituri taghkom.*

***Ghaldaqstant, in vista tal-premess, nissolecitak sabiex tottempera ruhek mal-premess, stante li fin-nuqqas, il-mittenti ma jkollux alternattiva ohra ghajr li jipprocedi ulterjorment fil-konfront tieghek, u dan minghajr preavviz ulterjuri**….."*.

Ghalhekk il-konvenut ghamel sejha espressa lill-ohtu sabiex tersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' servigi li huwa ppresta lill-genituri taghhom.

Sal-lum il-konvenut ghadu ma pprezentax il-kawza ghall-jedd minnu pretiz. Waqt is-seduta tal-lum spjega li qieghed jipprova jasal fi ftehim u li l-ittra ufficjali pprezentaha minhabba l-preskrizzjoni. Madankollu fl-ittra ufficjali ma ssemmiex li l-att kien qieghed jigi pprezentat sabiex tinkiser il-preskrizzjoni. Ghalhekk il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-ittra ufficjali saret ghal fini ta' konservazzjoni ta' dritt, gialadarba mill-att gudizzjarju ma jirrizultax li gie pprezentat ghal dak il-ghan.

F'dan il-kaz ukoll japplika dak li qalet il-qorti fis-sentenza li saret riferenza ghaliha hawn fuq:

*"Huwa tabilhaqq evidenti illi l-att gudizzjarju kien intiz biex is-socjeta` konvenuta tivvanta l-fatt li kienet qed tippretendi li ghandha jedd ta' azzjoni fil-ligi kontra s-socjeta` attrici. Kienet millantazzjoni cara ghaliex kienet tikkontjeni allegazzjoni ta' dritt kontra l-intimati in jattanza li kien kjarament esigibbli kif ukoll tinterpella lill-intimati biex jissodisfaw dak id-dritt (Ara a propozitu decizjoni fl-ismijiet "**Avukat Generali ghan-nom tal-Gvern ta' Malta et –vs- l-Avukat Dottor Hugh Peralta nomine**", Appell, 28 ta' April 2000)"*;

Il-qorti tikkonkludi li jezistu l-elementi tal-azzjoni ta' jattanza.

**Ghaldaqstant, tilqa' l-ewwel talba u taghti lill-konvenut sal-15 ta' Ottubru 2015 sabiex igib 'il quddiem kawza kontra ohtu bil-pretensjoni li ghamel fl-ittra ufficjali. Il-kawza tibqa' differita ghal kontinwazzjoni. Il-kap tal-ispejjez jibqa' rizervat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------